# Il-Ħadd 07.10.2018

1. Illum 7/10, **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   - Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka minn Dun Ronnie Zammit,<br>Viċi Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof,<br>bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda<br>u animata mill-Kor *'Sine Macula'*; u
   - Fis-6:30pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju, u tintemm bil-Barka Sagramentali.<br>Il-purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq u Misraħ San Ġużepp,<br>Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola,<br>Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja.<br>*Infakkru biex ma tħallux karozzi ipparkjati f'dawn it-toroq imsemmija.*

2. Il-Ħamis 11/10:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa għall-Ġenituri u l-Parrini ta' dawk li ser jirċievu s-Sagrament<br>tal-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

3. Is-Sibt 13/10:
   - Fid-9:00pm - Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm.<br>Ser issir fil-kappella tas-Seminarju tal-Virtù, ir-Rabat.

4. Il-Ħadd 14/10 **niċċelebraw l-Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 234 sena**<br>*(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*:
   - Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
   - Fl-10:30am - Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.

5. Avviżi oħra:-
   - Is-Sibt 13/10 u l-Ħadd 14/10 - Voluntiera u membri tal-*Malta Hospice Movement* ser ikunu fuq iz-zuntier ta' diversi knejjes, fosthom tagħna, biex iqassmu tifkira maħruġa fl-okkażjoni tal-*'World Hospice and Palliative Care Week'*, kif ukoll ser jilqgħu xi donazzjonijiet biex ikunu jistgħu jipprovdu aktar għajnuna.
   - Il-Ħadd 14/10 - Mit-8:30am sas-1:00pm ser ikollna l-*Mobile Blood Donation Unit* fil-pjazza biex tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - Infakkru wkoll li tqassmu xi envelops mal-Magazin 'Flimkien' biex tkunu tistgħu tagħtu d-donazzjonijiet tagħkom b'risq il-Missjoni. Dawn l-envelops għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien', inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti, jew jintbagħtu direttament fuq l-indirizz li għandkom fuq l-envelop. Nirringrazzjakom mill-qalb.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 60 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.